MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2009

Talba Numru. 617/2009

Condominium Services Limited (C39139) bhala l-amministratur registrat ma’ l-awtoritajiet tal-condominium fl-indirizz Riviera del Sol, Block A, Triq il-Qaliet. Marsaskala.

Vs

Alfred Medina (Id. 227868M u Rosemarie Medina (Id. 6623A).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ppremettiet illi l-konvenuti huma s-sidien ta’ appartament innumerat 3 fil-binja ta’ appartamenti bl-isem Riviera del Sol, Block A, Triq il-Qaliet, Marsaskala; illi permezz ta’ decizjoni mehuda waqt l-laqgha tas-sidien ai termini tal-Att dwar il-Condominia, nhar is-7 ta’ Novembru 2008 gie deciz li kull sid ghandu johrog is-somma ta’ tlett mitt ewro (€300) u dan bhala maintenance u administration fee ghas-sena Novembru 2008 sa Mejju 2009; illi minkejja li l-

konvenuti gew interpellati jhallsu s-sehem taghhom diversi drabi, huma baqghu inadempjenti; illi l-ammont dovut huwa ta’ tlett mitt ewro (€300) flimkien ma hamsin ewro (€50) late payment fee, liema fee giet approvata waqt l-istess laqgha tas-sidien.  Ghaldaqstant, is-socjeta’ attrici, bhala amministratur ta’ Riviera del Sol, Block A, qed titlob il-hlas tas-somma ta’ tlett mija u hamsin ewro (€350.00) minghand il-konvenuti, flimkien ma l-ispejjes, inkluz dawk tal-ittra legali, u l-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.  Bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna l-konvenuti jhallsu s-somma ta’ tlett mija u hamsin ewro (€350.00), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.   L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------